MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 187/2004

Kawza fil-lista: 24

**A B**
**vs**
**C D gja' B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-partijiet izzewgu nhar it-30 t' Awissu 1986 u mill-istess zwieg twieldu zewg ulied minuri, James ta' hmistax-il sena u Sarah ta' tlettax-il sena;

Premess illi l-partijiet isseparaw bonarjament minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 16 t' Ottubru

2003 fl-atti tan-Nutar A Abela, kopja hawn annessa u markata Dok JM1;

Premess illi a tenur ta’ dan il-kuntratt, il-kura u l-kustodja ta’ l-ulied minuri giet fdata f’ idejn il-mara bir-ragel ikollu access liberu versu l-istess minuri bi ftehim mal-mara;

Premess illi skond l-istess kuntratt, ir-ragel ghandu jissomministra lill-mara manteniment ta’ mija u disghin lira Maltin (Lm190) fix-xahar bhala manteniment ghaliha u tletin lira (Lm30) fix-xahar ghal kull wild liema manteniment jizdied kull l-ewwel ta’ Jannar skond l-gholi tal-hajja;

Premess illi f’ Jannar 2004 il-mara, bl-aktar mod abbussiv, illegali u irresponsabbli kecciet ‘il barra mid-dar fejn kienet tghix lil binha minuri James u dan minhabba illi l-istess minuri qabadha ma’ ragel iehor, ma min ghandha relazzjoni fissa sal-gurnata tallum;
Premess illi t-tifel minuri James spicca jghix ma’ missieru minghajr ma l-omm ghamlet xi forma ta’ kuntatt mieghu minn Jannar ‘l hawn, u kwindi huwa esklussivament il-missier li qed jiehu hsieb l-interessi tal-minuri James ad eskluzjoni tal-mara;

Premess illi appena l-mara kecciet mid-dar lil binha minuri James, il-missier ma baqghax jinghatalu access biex jara lil bintu Sarah li baqghet tghix ma’ ommha u ma dan ir-ragel barrani li mieghu l-omm ghandha relazzjoni;

Premess illi l-missier m’ ghad ghandu l-ebda kuntatt ma’ bintu minuri li minflok qed igawdiha missierha, din qed tqatta hafna zmien ma’ ragel barrani u wkoll tqatta’ hin ghand il-familja ta’ habibitha matul il-weekend meta l-omm tiddeciedi li ddum sas-sieghat bikrin ta’ filghodu tiddeverti u inoltre issa l-omm qed tiehu maghha lit-tifla Sarah Paceville sas-sieghat bikrin ta’ filghodu;

Premess illi din is-sitwazzjoni holqot u qed tohloq problemi psikologici liz-zewg ulied minuri James u Sarah, kif wiehed jista’ jinnota minn din il-konversazzjoni fuq l-internet annessa bhala Dok JF2, li gew mifruda minhabba

l-kapricci ta’ l-omm u wkoll l-istess Sarah qed tindika lil dan ir-ragel, certu Paul bhala parti mill-familja u l-uniku kuntatt li ghandhom l-ulied huwa permezz ta’ l-internet.

Premess illi l-mara, minhabba li qed tghix ma’ ragel iehor iddekadiet mid-dritt ta’ manteniment skond id-disposizzjonijiet ta’ Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Premess illi intalbet medjazzjoni bejn il-partijiet permezz ta’ ittra numru 285/04, liema medjazzjoni giet dikjarata maghluqa u l-partijiet inghatatilhom il-fakolta li jipprocedu skond il-ligi;

Tghid ghalhekk il-konvenuta il-ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex:

1. Tvarja l-kuntratt ta’ separazzjoni datat 16 t’ Ottubru 2003 fl-atti tan-Nutar A Abela, kopja hawn annessa u markata Dok JM1 billi tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri James u Sarah f’ idejn il-missier b’ access lil mara u dan tenut kont l-ahjar interess tal-minuri;

2. F’ kaz li din l-Onorabbli Qorti ma tilqax l-ewwel talba, tiffissa access adegwat ghall-missier versu l-ulied James u Sarah;

3. Tinnomina espert psikologiku sabiex jiddetermina l-istat psikologiku tal-minuri in vista tal-fatt illi t-tnejn li huma ghaddejjin mminn trawma psikologika kerha;

4. Tiddikjara li l-konvenuta ddekadiet mid-dritt tal-manteniment stante li qed tghix ma’ ragel iehor u dan ai termini tad-disposizzjonijiet ta’ Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. Tiffissa manteniment xieraq li jrid jithallas minn dak il-parti li ma jkollhiex il-kura u l-kustodja ghall-minuri kif jidhrilna xieraq din l-Onorabbli Qorti tenut kont ta’ l-interess tal-minuri;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ingunta in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet:

1. Illi l-esponenti taqbel li l-kura u l-kustodja tat-tifel James B tista’ tigi fdata f’ idejn l-attur, pero’ l-kura u l-kustodja tat-tifla Sarah ghandha tibqa’ fdata f’ idejn l-esponenti u dan fl-ahjar interess ta’ l-istess tifla.

2. Illi l-esponenti m’ ghandha l-ebda oggezzjoni ghall-fatt li l-attur jkollu access ghat-tifla purche dan jigi ezercitat fl-ahjar interess tal-minuri msemmija.

3. Illi ghalkemm l-esponenti ma thossx li dan il-kaz jehtieg nomina ta’ espert psikologiku hi ma ssib l-ebda oggezzjoni dwar tali nomina purche tkun a spejjez ta’ l-attur.

4. Illi r-raba’ talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

5. Illi l-manteniment li ghandu jithallas diga gie stabbillit permezz tal-kuntratt ta’ separazzjoni u konsegwentement il-hames talba ukoll ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjonijet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob varjazzjoni fil-kuntratt ta’ separazzjoni li l-partijiet kienu ffirmaw fis-16 ta’ Ottubru 2003 fl-atti tan-Nutar A Abela, u senjatament ghal dak li jirrigwarda l-kura u kustodja ta’ uliedhom minuri James u Sarah, u l-modalita’ ta’ l-access; kif ukoll dikjarazzjoni gudizzjarja ta’ dekadenza tal-konvenuta mid-dritt taghha ghall-manteniment pattwit. L-attur talab ukoll in-nomina ta’ psikologu sabiex jidditermina l-istat tal-minuri.

Illi permezz ta’ verbal registrat mill-partijiet fis-seduta ta’ l-20 ta’ Ottubru 2005 quddiem l-Assistant Gudizzjarju, huma ddikjaraw “li qed jaqblu li l-kura u kustodja tal-minuri James ghandha tigi fdata f’ idejn l-attur, filwaqt li l-kura u kustodja tal-minuri Sarah ghandha tibqa’ fdata esklussivament f’ idejn il-konvenuta.”

Illi jinsab abbraccjat mill-gurisprudenza nostrali l-principju li s-separazzjoni konsenswali ghandha n-natura ta’ kuntratt veru u proprju, b’ mod li l-pattijiet li jsiru fiha ma jistghux jithassru jew jigu mibdula hlief bil-volonta’ tal-kontraenti, jew bir-rinunzja, jew ghar-ragunijiet li l-kuntratti in generali jistghu jigu mhassra - quibus modis obligamur, eisdem in contrarium actis liberamu. Fil-kaz ta’ separazzjoni konsenswali “..il detto obbligo [di somministrare alimenti] non essendo legale, ma derivante da convenzione , sebbene contrattato fra persone alle quali la legge impone l’ obbligo di somministrare gli alimenti, devono essere allo stesso applicate le regole ordinarie dei contratti.” *[PA Anton Maria Cesareo vs Aetano Cesareo [1880] citata b’ approvazzjoni fil-kawza PA Helen Galea vs Carmelo Galea deciza 2.02.1956, u kazistika citata]*

L-unici eccezzjonijet ghal dan il-prinipju jinsabu: [1] fid-dispost ta’ l-Artikolu 61 tal-kap.16 relattiv ghal kura u kustodja tal-minuri; u [2] fil-principju nemo ad impossibilia tenur applikat fit-termini ta’ l-insenjament tal-*Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Civili fil-kawza Alfred Grech vs Pauline Grech deciza 16.04.2004*.

Illi fil-meritu jigi osservat li mill-provi jirrizulta pacifiku li fil-kuntratt ta’ separazzjoni personali fuq indikat il-partijiet kienu ftehmu, inter alia, li l-kura u kustodja taz-zewg ulied minuri tkun fdata esklussivament f’ idejn il-konvenuta, bid-dritt ta’ access liberu ghal missier. Illi fil-mori tal-kawza, il-partijiet qabblu li jsir tibdil f’ din il-klawsola fit-termini tal-verbal fuq citat; u ghalhekk din il-Qorti jonqosha biss li tistabbilixxi l-access tal-partijiet ghaz-zewg ulied. F’ dan ir-rigward, tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, kif ukoll tal-fatt li llum iz-zewg minuri ghandhom eta’ li tippermettilhom certu

grad ta' maturita', il-Qorti tikkonsidera opportun li l-access tal-genitur ghal minuri li tieghu m' ghandux il-kura u kustodja ghandu jigi miftiehem bejn il-genitur u l-minuri. Il-Qorti ma thoss li f' dan il-kaz tentattiv ta' imposizzjoni ta' access fuq il-minuri jkun ta' beneficju, anzi thoss li jkun kontro produttiv.

Illi rigward it-talba ta' l-attur ghal dikjarazzjoni gudizzjarja ta' dekadenza tal-konvenuta ghad-dritt taghha ghall-manteniment pattwit, il-Qorti tosserva li ghal din it-talba josta l-principju legali fuq spjegat u ghalhekk li, in difett ta' stipulazzjoni espressa fil-kuntratt ta' separazzjoni li tippermetti riduzzjoni jew tnehhija ta' dan il-manteniment fil-kaz li l-konvenuta jkollha relazzjoni adulterina wara l-iffirmar tal-kuntratt, din it-talba attrici mhjiex legalment sostenibbli, u fic-cirkostanzi t-tnejja tal-manteniment tista' ssir biss bil-kunsens taz-zewg partijiet. Multo magis f' dan il-kaz fejn il-partijiet fl-istess kuntratt espressament kkonvenew li " .. it-termini u kundizzjonijiet ta' l-istess prezenti kuntratt ma jistghux jigu varjati . . ." [fol.18]

Jigi osservat ulterjorment li talba ghad-dekadenza tad-dritt ta' manteniment tista' tigi kkunsidrata biss fil-kuntest ta' l-Artikolu 6, u f' kuntest ta' kawza ta' separazzjoni fit-termini ta' l-Artikolu 48[1][d] tal-Kap.16.

Illi rigward it-talba ghan-nomina ta' espert psikologu, ma jirrizultax li din tinsab gustifikata.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel u t-tieni talba limitatament kif ser jinghad:, fit-termini tal-verbal tal-partijiet registrat fl-udjenza tal-20 ta' Ottubru 2005, tafda l-kura u kustodja tal-minuri James f' idejn l-attur, filwaqt li tafda l-kura u kustodja tal-minuri Sarah f' idejn il-konvenuta; bid-dritt ta' access taz-zewg genituri soggett ghal-ftehim ma' l-istess ulied;

[2] tichad it-tielet talba;

[3] tichad it-raba talba;

[4] tichad il-hames talba; izda tosserva li l-manteniment tal-minuri jinsab regolat fl-istess kuntratt; u li l-manteniment tal-minuri James ma jibqax dovut lill-konvenuta kemm il-darba dana jibqa' jghix ma' l-attur li minn naha tieghu huwa obbligat li jipprovdi ghall-bzonnijiet ta' dan it-tifel sakemm jghalaq it-tmientax il-sena.

L-ispejjez tat-talbiet numri [1][2] u [5] ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta; filwaqt li l-kumplament ta' l-ispejjez ghandhom jibqghu a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------